## KARMENA

Ta' A. Buttigieg

"Karmena, x'għandek f'xagħrek
u fuq ix-xagħar t'għajnejk?
kif huma t-tnejn imxarrba,
u l-warda ta' ħaddejk?"

"Xejn m'għandi, Mà, mort nimla
ma' Betti fuq il-bir,
u kif għamilt fuq rasi
nimli sa fuq iż-żir,

"Ġie tifel jiġri w jiena
mejjilt rasi w mix-xfar
taż-żir waqgħet belgħa ilma
xarrbitli ftit ix-xagħar".

"Għajnejk, għidli Karmena,
biex huma ħomor nar?
naħseb li mhux b'dak l-ilma
li waqa' fuq ix-xagħar!"

Karmena nfexxet tibki,
u stqarret li bid-dmugħ
għajnejha kienu ħomor,
għaliex ħabbet żagħżugħ

Li dik il-lejla siefer,
u bkew it-tnejn flimkien,
għajnejhom b'dak il-biki
saru ħomor nirien.

U d-dmugħ li ċarċar Toni
xarrbilha x-xagħar t'għajnejha,
u x-xuxa ta' fuq rasha,
u l-warda ta' ħaddejha;

"Mma Toni għalkemm siefer
jerġa' jiġi mill-ġdid,
għaliex ġewwa l-Awstralja
miegħu jeħodni jrid."

"Tridx tmur għaliex sa noqtlok!"
qaltilha ommha Marì;
'mma f'qalbha fil-jiem ftakret
ta' meta ħabbet hi.

# L-ISTRINA

## ATT SOĊJALI

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

*N.B. Ħadd ma jista' jaħdem fuq il-palk jew ixandar dan l-Att Soċjali mingħajr is-sensja bil-miktub ta' l-Awtur.*

---

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Ħamrun.